**30 ta' Jannar, 1958**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B. Litt., LL.D.**
George Vigo
*versus*
Nutar Dottor Vincent Gatt ne.

**Impunjazzjoni ta' Liġi — Kostituzzjoni — "Income Tax" Nullità — Rappreżentanza Ġudizzjali — Illeġittimità tal-Persuna — Gvern — Kap ta' Dipartiment — Prim Ministru — Interess — Integrità tal-Ġudizzju — Kjamata fil-Kawża — Liberazzjoni "ab observantia" — Att LIV tal-1948 — Malta (Constitution) Letters Patent, 1947."**

*Kap ta' Dipartiment mhuwiex il-persuna leġittima li f l-konfront tagħha tista' tiġi kontestata l-val'dità o meno ta' liġi, u speċjalment tal-Kostituzzjoni. Il-Kap tad-Dipartiment hu persuna leġittima biex jirrappreżenta l-Gvern fi kwistjonijiet li jirrigwardaw l-andament ordinarju tal-amministrazzjoni publika inerenti għall-uffiċċju jew dipartiment lilu affidat mill-Gvern biex imexxieh, u mhux għal ħaġ'oħra; konsegwentement jekk kap ta' d'partiment, bħal ma hu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni, j ġi mħarrek biex j kkontesta azzjoni proposta biex tiġi kontestata l-validità tal-Income Tax Act, għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*Fi kwalunkwe ġudizzju għandu jipparteċ pa kull min għandu nteress fl-eżitu tiegħu, għaliex l-interess li jilleġittima l-preżenza ta' persuna f'kawża għandu jkun fl-eżitu tal-ġudizzju; intiż dan l-interess mhux neċessarjament fis-sens li d k il-persuna tiġi kundannata jew liberata, imma wkoll fis-sens li l-istess persuna tkun tista' ssostni r-raġunijiet tal-attur jew tal-konvenut, jew tagħha stess dif-*

*ferenti minn tat-tnejn, jew għal-wieħed jew għall-ieħor, u tipprovoka deċiżjoni fil-lim'ti tal-azzjoni li tistabbilixxi ċerti fatti u ċerti drittijiet favorevoli jew kuntrarji għaliha, bla ma tkun liberata jew kundannata. U billi l-Prim M'nistru għandu nteress b'mod prinċ'pali fil-validità jew le ta' liġi magħmula taħt il-Kostituzzjoni, anki tal-istess Kostituzzjoni, ċjoè fl-eżitu ta' kawża li ssir biex tiġi kontestata dik il-validità, huwa jmissu jiġi mħarrek f'dak l-ġudizzju; u jekk ma jiġix imħarrek, l-istess ġudizzju mhux integru.*

*Għal dan in-nuqqas ma jistgħax jiġi rimedjat bil-kjamata fil-kawża tal-Prim Ministru, jekk il-parti kuntrarja topponi ruħha għal dan il-provvediment; għax il-kjamata fil-kawża ma tistgħax isservi biex tikkonvalida proċeduri nullament proposti.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur, wara li jippremetti illi per mezz ta' Letters Patent ġiet promulgata mill-Kuruna Ingliża l-Kostituzzjoni għal Malta tal-1947; u illi Malta ma għaddietx taħt il-Kuruna tal-Ingilterra b'konkwista jew b'ċessjoni, iżda per mezz ta' "compact" bejn il-Maltin u l-Ingilterra; u illi konsegwentement il-Kuruna Ingliża ma kellha qatt id-dritt li tilleġisla għal Malta in virtù tal-prerogattiva tagħha; u illi, jekk il-każ ta' Malta jiġi kunsidrat bħala ċessjoni, din iċ-ċessjoni saret u kienet kondizzjonali bid-dikjarazzjoni ta' Drittijiet tal-Kungress Malti tal-15 ta' Ġunju 1802, liema Dikjarazzjoni ma tagħtix lill-Kuruna Ingliża dan id-dritt; u illi, jekk jiġi eskluż il-"compact" jew iċ-ċessjoni kondizzjonali, dan iwassal għall-konsegwenza li l-Ingilterra qatt ma kellha, u lanqas għandha, ebda titolu għall-Malta, u saret użurpazzjoni kontinwa tad-drittijiet tal-Maltin; u illi, anki jekk il-Kuruna Ingliża kellha d-dritt li tilleġisla qabel is-sena 1921, tilfitu irrevokabbilment meta ġiet proklamata l-Kostituzzjoni tal-1921, li biha ġie mogħti lil Malta Gvern Responsabbli; u illi għal dawn ir-raġunijiet, fl-1947 il-Kuruna Ingliża ma kellhiex id-dritt li tilleġisla għal Malta per mezz ta' Letters Patent; u illi, konsegwentement, il-Kostituzzjoni tal-1947 hija nulla, u nulli huma l-liġijiet magħmulin taħtha, fosthom il-liġi tal-Income Tax, Att LIV tal-1948; u illi b'ċitazzjoni 476 ta' din is-sena quddiem din il-Qorti l-konvenut ħarrku biex iħallsu £50 taxxa addizzjonali skond dan l-Att;

jitlob illi jiġi dikjarat u deċiż illi l-Kuruna Ingliża ma kellha qatt id-dritt tilleġisla għal Malta per mezz ta' Letters Patent in virtù tal-"Prerogative" jew għal xi raġuni oħra; jew, subordinatament, jiġi dikjarat u deċiż li fi kwalunkwe każ il-Kuruna Ingliża tilfet dan id-dritt fl-1921 per mezz tal-Kostituzzjoni mwaqqfa f'dik is-sena bil-"The Malta Constitution Letters Patent, 1921"; u per konsegwenza jiġi dikjarat u deċiż li l-"Malta (Constitution) Letters Patent, 1947" hija nulla u bla ebda effett; u jiġi dikjarat u deċiż li l-Att LIV tal-1948 ta Malta huwa wkoll null u bla ebda effett, in kwantu ġie promulgat taħt l-imsemmija Kostituzzjoni. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, rigward l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut;

Illi l-attur qiegħed, fost ħwejjeġ oħra, jikkontesta l-validità tal-Att tal-Parlament ta' Malta nru. LIV tal-1948, in kwantu li, kif jippretendi, hija nulla u bla ebda effett il-Malta (Constitution) Letters Patent, 1947. li inforza tagħha dak l-Att ġie promulgat; ċjoè, l-attur jikkontesta ukoll, anzi b'mod prinċipali, il-validità tal-imsemmija kostituzzjoni. Hu evidenti li Kap ta' Dipartiment mhuwiex il-persuna leġittima li fil-konfront tagħha tista' tiġi kontestata l-validità o meno ta' liġi, u speċjalment tal-Kostituzzjoni; il-Kap ta' Dipartiment hu persuna leġittima biex jirrappreżenta lill-Gvern fi kwistjonijiet li jirrigwardaw l-andament ordinarju tal-amministrazzjoni publika inerenti għall-uffiċċju jew dipartiment li jiġi lilu affidat mill-Gvern biex imexxieh, u mhux għal ħaġ'oħra;

Illi, kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Kummerċ fiż-17 ta' Ottubru 1950 in re "Borg Falzon vs. Cost Chretien", ma hemmx dubju li fi kwalunkwe ġudizzju għandu jippartecipa kull min għandu nteress fl-eżitu tiegħu, għaliex l-interess li jilleġittima l-preżenza ta' persuna f'kawża għandu jkun fl-eżitu tal-ġudizzju, intiż dan l-interess mhux neċessarjament fis-sens li dik il-persuna tiġi kundannata jew liberata, imma wkoll fis-sens li l-istess persuna tkun tista' ssostni r-raġunijiet tal-attur jew tal-konvenut, jew tagħha stess

differenti minn tat-tnejn, jew għall-wieħed jew l-ieħor, u tipprovoka deċiżjoni fill-limiti tal-azzjoni li tistabbilixxi ċerti fatti u ċerti drittijiet favorevoli jew kuntrarji għaliha, bla ma tkun liberata jew kundannata. Issa, ma hemmx dubju li l-Prim Ministru, in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta, għandu nteress b'mod prinċipali fil-validità o meno tal-liġi msemmija, ċjoè fl-eżitu ta' din il-kawża, u għalhekk huwa kien imissu ġie mħarrek f'dan il-ġudizzju; u ladarba ma ġiex hekk imħarrek, l-istess ġudizzju mhux integru;

Kif ġie verbalizzat fis-seduta tal-10 ta' Diċembru 1957, l-attur talab il-kjamata in kawża tal-Prim Ministru in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta, imma l-konvenut oppona ruħu għal din it-talba, għar-raġuni illi l-kjamata in kawża ma tistgħax isservi biex tikkonvalida proċeduri nullament proposti. U b'argument ta' dak li ġie ritenut fl-imsemmija sentenza, in vista tal-oppożizzjoni tal-konvenut il-kjamata in kawża mitluba mill-attur ma tistgħax tiġi milqugħa;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Prevju riġett tat-talba tal-attur għall-kjamata in kawża tal-Prim Ministru in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta, tilqa' l-eċċezzjoni msemmija, sollevata mill-konvenut, u hekk tillibera lill-istess konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra l-attur.